MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 1630/1996/1

**Charles Halliday u martu Isabelle Halliday**

**v.**

**Alan Dimech Debono u b'digriet tat-3 ta' Marzu 1997 giet kjamata fil-kawza Rose Ann Aquilina llum mart Alan Dimech Debono**

**Il-Qorti:**
**PRELIMINARI:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Mejju 1996 gie premess illi l-atturi huma

proprjetarji ta' "*garage*" li jinsab fi Triq Odeolone Caruana f'Hal Tarxien, sottostanti appartament li jappartjeni lill-konvenut; illi mill-bini ta' l-appartament tal-konvenut hawn fuq imsemmi kienet dahlet kwantita` ta' ilma fil-"*garage*" ta' l-atturi, b'mod illi saret hsara fil-bini oltre li gew danneggjati diversi oggetti li l-atturi kellhom fl-istess "*garage*"; illi l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni li l-atturi gew li soffrew kif hawn spejgat; dan premess atturi talbu li dik il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni li soffrew l-atturi kif fuq spjegat.

2. Tillikwida okkorendo b'opera ta' perit nominand id-danni hekk sofferti mill-atturi; u

3. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi d-danni li jigu likwidati;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata l-25 ta' Marzu 1996 kontra il-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fit-18 ta' Novembru 1996 (fol.9) il-konvenut eccepixxa:-

1. Preliminarjament il-gudizzju mhux integru billi l-eccipjenti huma kompropjetarju ma' terzi tal-fond sovrastanti dak ta' l-atturi.

2. Fil-meritu l-eccipjenti mhux responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-atturi. Ghalhekk l-ewwel talba ghandha tkun michuda.

3. It-tieni talba ghandha tkun respinta billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi.

4. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-eccipjenti m'ghandux ikun kundannat ihallas danni lill-atturi.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

B'nota pprezentata mill-kjamata fil-kawza Rose Ann Aquilina fid-19 ta' Novembru 1997 (fol. 18) gie eccepit:-

1. L-eccipjenti mhux responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-atturi. Ghalhekk l-ewwel talba ghandha tkun michuda.

2. It-tieni talba ghandha tkun respinta billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi.

3. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-eccipjenti m'ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lill-atturi.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fl-10 ta' Ottubru, 2005 bil-mod segwenti:

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tastjeni milli tiehi konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u dan stante li l-istess giet sorvolata bil-kjamata fil-kawza ta' Rose Ann Aquilina, illum mart il-konvenut, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenut u l-eccezzjonijiet kollha tal-kjamata fil-kawza, tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn premess b'dan illi:-

"1. Tiddikjara li lill-konvenut u lill-kjamata fil-kawza responsabbli ghad-danni li soffrew l-atturi kif spjegat f'din id-decizjoni.

"2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-atturi fl-ammont ta' tlett elef, tlett mija u sitt liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm3,306.15).

"3. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi d-danni hekk likwidati fl-ammont ta' tlett elef, tlett mija u sitt liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm3,306.15).

"Bl-ispejjez kollha, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 25 ta' Marzu 1996 kontra il-konvenut u l-kjamata fil-kawza. "

U dana wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

"Illi din il-kawza saret peress li l-atturi, bhala proprjetarji tal-fond konsistenti f'*garage*, Triq Odeolone Caruana, Tarxien sostnew li soffrew danni meta dahal ilma mill-proprjeta' konsistenti f'appartament sovrastanti appartenenti lill-konvenut u l-kjamata fil-kawza, illum il-konjugi Dimech Debono.

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-atturi kienu akkwistaw il-*garage* taghhom fi Triq Odeolone Caruana, Tarxien f'Dicembru 1994 fi stat ta' gebel u saqaf u wara tlett (3) xhur ghamlu l-*finishes* u bdew juzawh sabiex jahznu l-merkanzija taghhom konsistenti fi hwejjeg, oggetti tad-dar u anke bhala *garage* ghall-karozza taghhom u trakk; f'Marzu 1995 l-attur kien avvicina lill-konvenut sabiex isir ix-xoghol fil-mezzanin taghhom li kien fi stat ta' gebel u saqaf, u dan sabiex ma jidholx ilma fil-*garage* taghhom mill-fond sovrastanti u dan peress li l-attur kien gia` innota perkolazzjoni ta' ilma ghal gol-fond tieghu mill-post sovrastanti, u dan meta l-mezzanin tal-konvenut u l-kjamata fil-kawza kien ghadu fi stat ta' gebel u saqaf; il-konvenut kien qallu li tali xoghol kellu jitlesta sas-Sajf tas-sena 1995. F'Settembru 1995 kienet ghamlet xita qawwija u lill-attur dahallu hafna ilma tant li l-*garage* kien hemm mal-pied ilma, u gie nnutat li kien hemm ilma jqattar mill-planki u tbajja ta' tixrib fil-qiegh tal-planki; kellem lill-konvenut li fi zmien tlett (3) ijiem ghamel ix-xoghol tal-kontra-bejt u l-attur jghid li minn dakinhar ma dahalx ilma fil-*garage*. Kawza ta' dan grat hsara fl-oggetti li kien hemm fil-*garage* fosthom merkanzija konsistenti fi hwejjeg u dan skond huwa fl-ammont ta' Lm3,306 skond Dok. "A" u allegatament ukoll hsara f'oggetti ohra konsistenti *f'cash register* fl-ammont ta' Lm210, f'apparat tal-fotografija, *slides* u *crash helmet* (stg. 249. 99) u l-attur ikkalkula li l-hsara fl-oggetti personali kienet tammonta ghall-Lm1,000.

“Illi jirrizulta li l-fond tal-konvenut u tal-kjamata fil-kawza huwa dak Numru 29, “Rochea”, Triq Odeoleone Caruana, Tarxien u l-konvenut stess spjega kif l-istess inxtara u x-xgholijiet li saru sabiex tlesta l-istess post b’mod li qal li l-kontra-bejt u l-*washroom* tlestew ghall-habta ta’ Awwissu/Settembru 1995, u fil-fatt jghid li kienet ghamlet ix-xita u xorta jsostni li komplew ix-xoghol sabiex dawn ilestu. Jghid li l-attur ilmenta fuq qtar ta’ ilma biss f’Marzu 1995 u ghall-habta ta’ Santa Marija, u wara dan l-attur qatt ma kellmu. Izda fl-opinjoni ta’ din il-Qorti dan jirrizulta kontradett mix-xhieda kollha prodotti mill-atturi u fuq kollox mill-konkluzjonijiet peritali. Dan apparti l-fatt li l-istess konvenut u kjamata fil-kawza fid-dikjarazzjoni stess annessa ma’ l-eccezzjonijiet rispettivi taghhom, ma jinnegawx tali perkolazzjoni ta’ ilma, izda jsostnu li l-atturi, *ladarba* kienu jafu bl-istat tal-fond tal-konvenuti ma messhomx uzawh. Dan l-argument gie rigettat mill-lat tekniku mill-perit tekniku ghar-ragunijiet hemm indikati u qed jigi rigettat minn din il-Qorti, *stante* li *ladarba* l-agir tal-konvenut u l-kjamata in kawza kien fih innifsu negligenti, ma jistghux ghan-nuqqas taghhom jimplikaw lill-atturi, iktar u iktar meta kienu ilhom xhur avzati bil-perikolu ezistenti u baqghu ma ghamlu xejn sakemm kien tard wisq.

“Illi ma’ dan jinghad li mill-konkluzjonijiet peritali jirrizulta li l-istess perit tekniku kkonkluda li l-perkolazzjoni ta’ ilma kienet sehhet qabel ma sar il-kontra-bejt fil-fond tal-konvenut u tal-kjamata fil-kawza u fil-fatt l-istess perit tekniku kkonkluda li l-hsara sehhet proprju minhabba li l-fond tal-konvenuti ma kienx prottett ghall-eventwalita` li jkun hemm ix-xita, tant li minkejja li gew avvicinati mill-attur f’Marzu 1995 kien biss ghall-habta ta’ Awwissu/Settembru 1995 li tlesta l-istess kontra-bejt, u dan skond il-perit tekniku kien zmien twil wisq sabiex l-istess konvenuti jaghmlu tali xoghol.

“Illi fil-fatt fl-istess relazzjoni tieghu l-istess perit tekniku jghid li l-konvenuti qatt ma sostnew li ma kienx hemm perkolazzjoni ta’ ilma mill-fond taghhom ghal dak tal-konvenut, izda li l-atturi kienu jafu bl-istat tal-fond taghhom

u ma messhomx qeghdu oggetti fl-istess fond. F'dan il-kuntest u dwar responsabbilta` l-perit tekniku kkonkluda hekk:-

"*"Anke mil-lat tekniku, m'hemm l-ebda dubju li minn post fi stat ta' gebel u* saqaf *u minghajr kontra-bejt u jew aperturi jipperkola l-ilma ghall-fond sottostanti u ghalhekk f'dan ir-rigward, billi jirrizulta li l-incident gara qabel* sar *il-kontra-bejt tal-konvenuti, il-perkolazzjoni ta' ilma mill-fond tal-konvenuti ghall-garaxx ta' l-atturi jirrizulta li grat*".

"Illi hawn issir riferenza ghall-konstatazzjonijiet anke teknici li saru mill-perit tekniku a fol. 85 u 86 tal-process u fol. 26 u 27 tar-relazzjoni tieghu fejn jidher li huwa kkonkluda li ghaddew hames (5) xhur bejn Marzu 1995 sa Awwissu 1995 sabiex tlesta il-post minn wiehed ta' gebel u saqaf ghall-wiehed lest, u fil-fatt il-kontra-bejt sar biss f'dan l-ahhar perjodu – skond huwa tali xoghol kellu jitlesta kemm jista' jkun malajr u kien ikun hafna ahjar kieku anke qabel sar dan kienu jinghalqu t-twieqi u jissaqqaf ix-xaft temporanjament permezz ta' plastik jew fdewwec jew tinkesa l-art tax-xaft temporanjament u dan sabiex tigi protetta l-istruttura tal-fond, specjalment is-soqfa u r-rinforz taghhom,

"*u kif ukoll ma ssirx hsara lill-fondi adjacenti u sottostanti. Wara li jitlesta x-xoghol tal-bini u* sakemm *isir il-kontra-bejt ikun jehtieg li l-ewwel jizzarma l-armar tas-soqfa, wara jsiru t-trinek u l-conduits ghax-xoghol ta' l-elettriku u/jew ilma u wara, jekk ikun il-kaz, isir il-qatran, u l-insulation ghal taht il-kontra-bejt. Dan ix-xoghol ma jirrikjedix aktar minn xahrejn – billi l-konkos jehtieg tmienja u ghoxrin gurnata zmien qabel jizzarma l-armar tieghu u qabel jizzarma l-armar mhux possibbli li jsiru xoghlijiet ta' l-elettriku u/jew ilma – u ghalhekk hija l-opinjoni teknika tas-sottofirmat li l-perjodu ta' hames xhur, sabiex il-fond tal-konvenuti gie protett mill-elementi huwa esegerat. Huwa minnu li wiehed ma jippretendix li ssir xita matul ix-xhur tas-Sajf u kif ukoll li l-kontra-bejt l-ahjar li jsir lejn l-ahhar tas-Sajf* sabiex *ma jespandix u ghalhekk jaqsam anqas, madankollu, l-urgenza fit-tlestija tal-kontra-bejt ghandha dejjem tittiehed bis-serjeta`, aktar u aktar* sabiex *jigu*

*evitati problemi specjalment ma' terzi bhalma gara f'dan il-kaz. Jirrizulta minnu wkoll li l-garaxx ta' l-atturi ma kienx imkahhal fil-gurnata ta' l-incident. Madankollu, dan il-fatt ma jincidix fuq il-fatt li grat il-perkolazzjoni ta' ilma billi din grat mill-fond sovrastanti tal-konvenuti u ma regghetx sehhet wara li konvenuti lestew il-kontra-bejt".*

*"Ghalhekk, dwar l-ewwel talba ta' l-atturi rigward responsabbilta`, l-esponent jikkonkludi l-perkolazzjoni ta' ilma fil-garaxx ta' l-atturi li allegatament ikkawzat hsara fl-oggetti mahzuna fl-istess garaxx kienet dovuta ghall-fatt li l-fond sovrastanti tal-konvenuti kien fi stat ta' gebel u* saqaf *u minghajr kontra-bejt bir-rizultat li l-ilma tax-xita ippenetra mill-post tal-konvenuti ghal gewwa l-garaxx ta' l-atturi. L-unika rimedju principali sabiex jigi evitat id-dhul ta' l-ilma kien li jsir kontra-bejt fuq il-fond tal-konvenuti* sa *mhux aktar tard minn xahrejn mit-tlestija tal-fond tal-konvenuti fi stat ta' gebel u* saqaf *u cioe`* sa *Mejju 1995".*

*"Rigward l-ewwel talba attrici jirrizulta li kien hemm perkolazzjoni ta' ilma, li grat f'okkazzjoni wahda, fil-garaxx ta' l-atturi mill-fond sovrastanti tal-konvenuti billi l-fond tal-konvenuti dam ghal zmien sostanzjali ta' hames xhur minghajr kontra-bejt u espost ghall-elementi meta dan il-perjodu ma kellux teknikament jeccedi xahrejn".*

"Illi din il-Qorti thoss li l-konkluzjonijiet ta' l-istess perit tekniku huma mill-iktar cari u kien in-nuqqas tal-konvenut u tal-kjamata fil-kawza li jaghmlu x-xgholijiet necessarji fil-fond taghhom li kkawza l-perkolazzjoni ta' ilma ndikata ghall-fond ta' l-atturi, u dan huwa iktar gravi meta jidher li l-atturi kienu gia` avvicinaw lill-konvenuti dwar taqtir ta' ilma li kien gia` beda jsehh f'Marzu 1995, izda l-konvenuti ghamlu l-istess xgholijiet f'Awwissu jew Settembru 1995, u sa dak it-tant lanqas ghamlu xejn sabiex jipprotegu l-istess fond taghhom sabiex f'kaz ta' xita ma ssirx hsara fil-fond sottostanti; l-pretensjoni tal-konvenut u l-kjamata fil-kawza li l-istess atturi ma kellhomx juzaw il-*garage* taghhom sakemm isiru tali xgholijiet ma ghandha l-ebda bazi legali u qed tigi rigettata u dan peress li kien in-nuqqas u l-istat tal-proprjeta` tal-konvenut u l-kjamata fil-kawza u il-fatt li huma naqqsu milli jaghmlu dak

necessarju sabiex ma jikkawzawx hsara lil haddiehor li kkawza tali perkolazzjoni ta' ilma fil-fond ta' l-atturi, haga li setghu facilment ghamlu f'terminu ragonevoli li kien disponibbli ghalihom u li l-perit tekniku b'mod mill-iktar car indikalhom, u dan apparti li xorta wahda sa dak iz-zmien setghu jiehdu wkoll passi sabiex jevitaw li ssir hsara, affarijiet li l-konvenut u l-kjamata fil-kawza ghal kollox injoraw sakemm kien tard wisq. Illi fl-opinjoni tal-Qorti dan huwa kaz fejn a bazi ta' l-**Artikolu 1031 tal-Kap 16** kull persuna ghandha twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha, u dan huwa kaz meta l-istess konvenut u l-kjamata fil-kawza ma uzawx il-prudenza, u d-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja ndikat fl-**Artikolu 1032** u ghalhekk huma responsabbli ghad-danni konsegwenzjali naxxenti mill-agir irresponsabbli taghhom u dan skond il-ligi u a bazi ta' l-**Artikolu 1033 tal-Kap 16**. F'dan il-kuntest din il-Qorti qed tirrespingi l-argumentazzjoni tal-"konvenuti" fin-nota ta' osservazzjonijiet taghom, u dan peress li apparti li ma tirrizultax li hija fondata fil-fatt, certament bl-ebda mod ma tista' tezenta lill-konvenut u l-kjamata fil-kawza min-nuqqasijiet taghhom, u kien proprju dan in-nuqqas u l-istat tal-fond taghhom, u in-nuqqas taghhom li jirrimedjaw ghall-istess li kkawzat il-perkolazzjoni mertu tal-kawza odjerna u din il-Qorti thoss li l-konvenut u l-kjamata fil-kawza ma jistax in-nuqqas taghhom jitfawh fuq haddiehor, kif jidher car li qed jippruvaw jaghmlu.

"Illi huwa sintomatiku ghalhekk li fid-dawl ta' dan kollu jinghad li qed jigi applikat il-principju li gia` gie uzat minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "**Spiteri Tiles Limited vs Raymond Borg**" (PA. RCP – 28 ta' Frar 2002) fejn inghad li "*ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-Artikolu 681 tal-Kap 12, jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni pertali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti "ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomess*a *b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami*"

(“**Philip Grima vs Carmelo Mamo**” – A. C. 29 ta’ Mejju 1998; “**Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca**” – A. C. 6 ta’ Ottubru 1999; “**John Saliba vs Joseph Farru*gia***” A. C. 28 ta’ Jannar 2000; “**Sammy Tabone vs Carmel Tabone et**” – A. C. 5 ta’ Ottubru 2001).

"Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li ntqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet “**Giswarda Bugeja et vs Emmanuele Muscat et**” (A. C. 23 ta’ Gunju 1967 – LI. i. 390) fejn intqal li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *‘b’danakollu, l-‘giudizio dell’arte’ espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija b’talba ghan-nomina ta’ periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche’ ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli”.*

"Illi din il-Qorti thoss li dan ghandu japplika ghall-kaz in ezami u dan peress li jidher car li l-konkluzjonijiet teknici huma skjeti u cari u ma jhallu l-ebda lok ghall-dubju; ma’ dan jizdied li lanqas biss saret eskussjoni tal-perit tekniku u lanqas saret talba mill-konvenut u l-kjamata fil-kawza ghall-periti perizjuri u ghalhekk din il-Qorti thoss li ghandha taccetta u qed taccetta l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku; jinghad ghall-kompletezza li l-kwistjoni tal-katusa, mressqa u vantata mill-konvenut u l-kjamata fil-kawza ma kellha x’taqsam xejn mal-kawza tal-perkolazzjoni ta’ ilma mill-fond sovrastanti ghal dak ta’ l-atturi u hawn ukoll il-Qorti qed taqbel mal-konkluzjonijiet peritali.

"Illi dwar l-ammont ta’ danni l-atturi qed jikkontendu li dan jammonta u jikkonsisti fost affarijiet fl-ammont ta’ Lm3,306.15 u dan rappresentanti valur ta’ oggetti li kienu allegatament jinsabu fil-*garage* taghhom fiz-zmien ta’ l-incident relattiv u dan kif jidher mid-dokument a fol. 97 tal-process u wkoll minn dokumenti minn Dok. “CH 1” sa Dok. “CH 23”, l-ahhar dokumenti msemmija rapprezentanti kopji ta’ varji *invoices* u dokumenti ohrajn pertinenti ghall-oggetti indikati mill-atturi li gratilhom hsara u dan minn fol. 98 sa fol. 120 tal-process, kollox kawza ta’

dak li gara u gie deskritt aktar il-fuq f'din is-sentenza u naturalment fir-rapport peritali li saret riferenza ghalih.

"Illi din il-Qorti thoss li dawn l-allegati danni gew ippruvati anke in forza tad-dokumenti esebiti, pero` l-oggetti l-ohra indikati bhala affarijiet personali, din il-Qorti thoss li hemm mankanza ta' provi, u certament li ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi u hawn qed issir riferenza ghall-oggetti msejjha personali bhal *cash register*, *crash helmet* u oggetti personali ohra u allura l-ammont ta' danni qed jigi likwidat fl-ammont ta' tlett elef, tlett mija u sitt liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm3,306.15) u t-tieni u t-tielet talba qed jigu milquha fl-istess ammont. "

**L-appell tal-konvenut u tal-kjamata fil-kawza Rose Ann Dimech Debono.**

Il-konvenut u l-kjamata in kawza hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fit-30 ta' Ottubru, 2006 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tirrevoka s-sentenza imsemmija billi fir-rigward biss tal-kjamata fil-kawza tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri taghha[1] u tiddikjara preskritta l-azzjoni attrici fil-konfront taghha a tenur tal-Art. 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tichad it-talbiet attrici fil-konfront taghha u billi fir-rigward tal-konvenut Alan Dimech Debono u l-istess kjamata fil-kawza (din ta' l-ahhar fil-kaz li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tkun respinta) tilqa' l-eccezzjonijiet taghhom fil-mertu u tichad it-talbiet attrici fil-konfront taghhom; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

L-atturi appellati naqsu milli jipprezentaw risposta ghar-rikors ta' l-appell tal-konvenut u tal-kjamata fl-kawza biss il-kaz gie trattat fl-udjenza tal-4 ta' Novembru, 2008 mid-difensuri taz-zewg nahat, meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tallum.

**Ikkunsidrat:**

[1] Din l-eccezzjoni giet sollevata fir-rikors tal-appell; ara wkoll in-nota, prezentata kontestwalment mar-rikors, a fol. 15 ta' l-atti tal-appell.

Flimkien mar-rikors ta' l-appell il-kjamata fil-kawza pprezentat nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri fejn gie eccepit illi l-azzjoni attrici, kif dedotta kontra taghha, hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-artikolu jghid hekk: '*L-azzjoni ghall-hlas ta' hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.* '
L-azzjoni ntentata mill-atturi tikkoncerna reklam ta' hsarat mhux ikkagunati b'reat u konsegwentement din il-preskrzzjoni hija applikabbli ghall-kaz. Ma hemmx dubju wkoll li din l-eccezzjoni hija ta' natura perentorja li tista' tinghata f'kwalunkwe stadju tal-kawza, anke f'sede tal-appell, kif dispost fl-Artikolu 732(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Kemm-il darba din l-eccezzjoni hija gustifkata, l-azzjoni fil-konfront tal-kjamata fil-kawza tigi dikjarata perenta. Huwa ghalhekk xieraq li tigi deciza tali eccezzjoni qabel ma jigi diskuss il-mertu proprju tal-appell intavolat mill-konvenut u l-istess kjamata fil-kawza.

In sostenn ta' din l-eccezzjoni l-kjamata fil-kawza elenkat is-segwenti fatti:-
(a) L-ewwel Qorti accertat li d-danni allegatament subiti mill-atturi saru f'Awwissu/Settembru 1995.

(b) Sabiex jirreklamaw ir-risarciment tad-danni, l-atturi pprezentaw ittra ufficjali fil-25 ta' Marzu, 1996 kontra l-konvenut <u>WAHDU</u>.

(c) Ma rrizultax li kien prezentat xi att gudizzjarju kontra l-kjamata fil-kawza.

(d) Ghalkemm it-talba ghall-kjamata fil-kawza tal-esponenti Rose Ann Aquilina kienet akkolta fit-3 ta' Marzu 1997, sal-udjenza tal-kawza tat-3 ta' Novembru, 1997 u cioe` wara li ghaddew <u>aktar</u> minn sentejn mid-data jew zmien meta saru l-allegati danni, il-kjamata fil-kawza kienet ghadha mhux notifikata bic-citazzjoni attrici.
(e) Il-kjamata fil-kawza ppresentat in-nota tal-eccezzjonijiet taghha fid-19 ta' Novembru 1997.

(f) Il-kjamata fil-kawza cahdet il-pretensjonijiet attrici kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni guramentata taghha annessa man-nota tal-eccezzjonijiet taghha.

(g) Dak li hemm mahsub fl-Art. 2131 tal-Kap 16 ma japplikax ghall-kaz in ezami.

Il-fatti hawn fuq elenakti jidhru li huma kkonfermati bir-rizultanzi processwali. Infatti d-data meta sehhew id-danni tirrizulta b'mod car mis-sentenza appellata billi dawn kienu rizulta ta' perkolazzjoni ta' ilma fil-*garage* tal-atturi mill-proprjeta` tal-konvenuti meta ghamlet hafna xita fix-xahar ta' Settembru, 1995 (f'dan ir-rigward ara pagna 11 tas-sentenza appellata). Mic-citazzjoni jirrizulta wkoll li l-azzjoni kienet indirizzata biss kontra l-konvenut Alan Dimech Debono u konsegwentement l-ittra ufficjali tal-25 ta' Marzu, 1996 imsemmija fit-talba ghall-ispejjez, ma tistax tkun hlief riferenza ghall-ittra ufficjali li kienet indirizzata kontra l-konvenut wahdu (ara wkoll f'dan ir-rigward paragrafu (4) tad-dikjarazzjoni guramentata tal-attur Charles Halliday). Inoltre ma tressqet ebda prova li gie pprezentat xi att gudizzjarju iehor kontra l-kjamata fil-kawza kapaci li jinterrompi l-preskrizzjoni kontra taghha.

Kif jidher mill-verbal tat-3 ta' Marzu, 1997 (fol. 15) it-talba ghall-kjamata fil-kawza ta' Rose Ann Aquilina giet milqugha dakinhar stess meta l-ewwel Qorti ordnat li hi tigi nnotifikata bl-att tac-citazzjoni u bl-avviz tas-smigh tal-kawza. Din in-notifika izda jidher li saret fil-5 ta' Novembru, 1997 (ara riferta tal-ufficjal tal-Qorti a fol. 1A tal-process).

Minn dan jidher li l-eccezzjoni sollevata mill-kjamata fil-kawza hija proponibbli billi n-notifika taghha sehhet aktar minn sentejn wara li l-allegati danni gew ikkawzati.

L-Artikolu 2131 tal-Kodici Civili jiddisponi li l-preskrizzjoni tinkiser b'talba gudizzjarja, liema talba sehhet hekk kif Rose Ann Aquilina, illum Dimech Debono, giet imsejha fil-kawza bid-digriet tat-3 ta' Marzu, 1997. L-istess artikolu jkompli jghid li dik il-preskrizzjoni tinkiser, b'dik it-talba

gudizzjarja, anke fl-assenza ta' notifika lill-konvenut minhabba li jkun nieqes minn Malta jew ghal xi raguni ohra tajba, basta li l-attur jissokta l-kawza kontra kuratur mahtur mill-Qorti, bil-mod li jinghad fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u jiehu sentenza fuq dik it-talba.

Mill-atti processwali ma jirrizultax li l-atturi, fl-assenza ta' notifika tal-kjamata fil-kawza fi zmien utili ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, issokktaw bil-hatra ta' kuraturi, u konsegwentement t-talba taghhom fil-konfront tal-istess kjamata fil-kawza tista', f'cirkostanzi differenti, tkun preskritta.

Izda fil-kaz in ezami ghandha ssir referenza ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 1050 tal-Kap 16 u dana billi fic-cirkostanzi prezenti, huwa impossibbli li jigi stabbilit il-bicca tal-hsara li kull wiehed mill-konvenuti ikkaguna, f'liema kaz, skond l-istess artikolu, hemm is-solidarjiet fost il-konvenuti billi d-danneggat jista' jitlob il-hlas tal-hsara kollha minghand kull min irid minn dawk li jkunu hadu sehem fiha.

Japplikaw ghalhekk il-provvedimenti ta' l-Artikolu 1100 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li att wiehed li jikser il-preskrizzjoni ghal wiehed mid-debituri solidali, jikser il-preskrizzjoni wkoll ghad-debituri l-ohra u ghall-werrieta taghhom.  Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tigi rigettata.

**Ikkunsidrat:**

Fil-mertu l-konvenuti appellanti ressqu tlett aggravji li, fir-rikors ta' l-appell taghhom, gew sintetizzati bil-mod segwenti:

a) Fl-attribuzzjoni tal-htija ghall-fini ta' l-ewwel talba attrici, l-ewwel Qorti qaghdet ghal kollox fuq il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku li min-naha tieghu ma kkunsidrax l-eccezzjonijiet tal-esponenti proprju ghaliex kienu ta' natura legali.  Una volta l-inkariku tal-perit gudizzjarju kien tekniku, l-ewwel Qorti kien messha qieset b'aktar reqqa l-eccezzjonijiet ta' l-esponenti u mhux

skartathom minghajr raguni fondata kemm mill-*punto di vista* ta’ fatt kif ukoll fid-dritt. Fl-akkoljiment tal-konkluzzjonijiet peritali bhala bazi tad-decizjoni taghha, l-ewwel Qorti kien messha applikat ahjar id-diskrezzjoni taghha fl-isfond tal-eccezzjonijiet tal-esponenti.

b) Li l-likwidazzjoni tad-danni kien jesorbita l-kompitu tal-perit gudizzjarju. Meta l-ewwel Qorti llikwidat d-danni attrici hija skartat ghal kollox u minghajr raguni l-oggezzjonijiet fondati u cirkostanzjati tal-esponenti dwar il-*quantum* ta’ danni pretizi mill-atturi. Ewlenija fost dawn l-oggezzjonijiet kien il-fatt li mhux biss l-atturi ma tawx prova sodisfacjenti ta’ x’kellhom fil-*garage* taghhom, izda u fuq kollox li f’ebda stadju ma rrizulta li mmitigaw id-danni.

c) Kuntrarjament ghal dak li gie deciz mill-ewwel Qorti dwar it-tielet talba attrici, kwalsiasi ordni jew kundanna tal-esponenti jew min minnhom ghall-hlas tad-danni trid tkun konformi mas-sehem li ghandhom tal-fond sovrastanti dak tal-atturi una volta li l-esponenti kienu mharrka bhala sidien tal-fond de quo u *galadarba* rrizulta li l-esponenti ma kellhomx sehem indaqs mill-istess fond.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel aggravju jidher li l-appellanti qeghdin jilmentaw mill-fatt li l-ewwel Qorti skartat is-sottomissjoni taghhom bazata fuq id-difiza ta’ *volenti non fit injurja* u cioe` li l-atturi ma ghandhomx dritt jirreklamaw danni billi, skond il-konvenuti, meta l-atturi ghamlu uzu mill-*garage* taghhom waqt li kienu ghadhom qed jigu ezegwiti x-xgholijiet fil-fond sovrastanti tal-istess konvenuti, accettaw ir-riskju inerenti fl-istess sitwazzjoni bil-possibilita` ta’ perkolazzjoni ta’ ilma fil-fond taghhom.

Biex tirnexxi din id-difiza jehtieg li l-konvenuti juru li mhux biss li l-atturi kienu pienament konxji tar-riskju involut izda li huma espressament (b’dikjarazzjoni) jew implicitament (bl-agir taghhom) accettaw li jirrinunzjaw kull dritt ta’ reklam ghal danni. Il-konoxxenza tar-riskju mhux bizzejjed biex tirnexxi din id-difiza, izda jrid jirrizulta l-att

pozittiv tar-rinunzja. Fis-sentenza moghtija fl-1986 mill-Qorti Suprema tal-Kanada fil-kawza fl-ismijiet 'Dunbar vs Labar'[2] l-Imhallef Estey qal hekk:

'Volenti *will arise only where the circumstances are such that it is clear that the plaintiff, knowing of the virtual certain risk of harm, in essence bargained away his right to sue for injuries incurred as a result of any negligence on the defendant's part. The acceptance of risk may be express or may arise by necessary implication from the conduct of the parties, but it will arise, in cases such as the present, only where there can be truly be* said *to be an understanding on the part of both parties that the defendant assumed no responsibility to take due care for the safety of the plaintiff, and that the plaintiff did not expect him to. Common sense dictates that only rarely will a plaintiff genuinely consent to accept the risk of the defendant's negligence.* '

Issa fil-kaz in ezami ghandna sitwazzjoni fejn l-atturi, bhala sidien ta' *garage*, ezercitaw id-dritt taghhom li juzaw l-istess *garage* sabiex fih jahznu effetti personali kif ukoll xi vetturi. Dan id-dritt certament hadd ma jista' jichadulhom. Mill-banda l-ohra hemm il-konvenuti li kienu qed jaghmlu xgholijiet ta' kostruzzjoni fl-arja sovrastanti ghall-*garage* tal-atturi. Fic-cirkostanzi kien obbligu tal-istess konvenuti li jassiguraw li, b'dawn ix-xgholijiet u fil-pendenza taghhom, ma issir ebda hsara fil-proprjeta` ta' terzi li fil-kaz in ezami dan l-obbligu kien jissarraf b'mod li kellhom jassiguraw li ma jkun hemm ebda perkolazzjoni ta' ilma. Huwa generalment maghruf li f'dawn il-gzejjer tinzel kwantita` ta' xita fix-xahar ta' Settembru. Kien ghalhekk mistenni li l-konvenuti, qabel dan ix-xahar, jaghmlu dak kollu mehtieg biex ma jidholx ilma tax-xita fil-proprjeta` taghhom bil-possibilta` li tali ilma jipperkola fil-proprjeta` sottostanti. Din il-prekawzjoni kienet tinnecessita li jsir il-kontra bejt biex ma jkunx hemm perkolazzjoni, u fin-nuqqas li jigu protetti l-aperturi biex ma jidholx ilma fil-fond taghhom. Jidher li l-konvenuti naqsu li jghamlu kemm haga u kemm ohra u ghalhekk issa, li grat

---

[2] 1986 1 SCR 649

il-hsara fil-fond ta' l-atturi, ma jistghux jippretendu li l-atturi ma ghandhomx dritt jirreklamaw danni kagunati minhabba n-nuqqas taghhom. Din id-difiza ghalhekk ma tistax tirnexxi u dan l-aggravju qed jigi skartat.

**Ikkunsidrat:**

Fit-tieni aggravju mressaq mill-konvenuti dawn qed jilmentaw li l-ewwel Qorti ma gharblitx sew il-provi koncernanti d-danni u accettat bla ebda konsiderazzjoni ohra d-dokumenti esebiti mill-atturi '*at face value'*. F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti qalet hekk:
'Illi dwar l-ammont ta' danni l-atturi qed jikkontendu li dan jammonta u jikkonsisti fost affarijiet fl-ammont ta' Lm3,306.15 u dan rappresentanti valur ta' oggetti li kienu allegatament jinsabu fil-*garage* taghhom fiz-zmien ta' l-incident relattiv u dan kif jidher mid-dokument a fol. 97 tal-process u wkoll minn dokumenti minn Dok. "CH 1" sa Dok. "CH 23", l-ahhar dokumenti msemmija rappresentanti kopji ta' varji invoices u dokumenti ohrajn pertinenti ghall-oggetti indikati mill-atturi li gratilhom hsara u dan minn fol. 98 sa fol. 120 tal-process, kollox kawza ta' dak li gara u gie deskritt aktar il-fuq f'din is-sentenza u naturalment fir-rapport peritali li saret riferenza ghalih.

'Illi din il-Qorti thoss li dawn l-allegati danni gew ippruvati anke in forza tad-dokumenti esebiti………'

Effettivament fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti akkordat bhala danni l-ammont indikat fid-dokument li jinsab a fol. 97 tal-process u cioe` fis-somma ta' LM3,306.15 filwaqt li cahdet it-talba attrici fir-rigward ta' hsara li grat f'effetti personali.

Din il-Qorti hija tal-fehma li ma hemm ebda raguni ghala ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti meta gie accettat bhala fatt li l-effetti elenkati fid-dokument a fol. 97 kienu jinsabu fil-*garage* tal-atturi dakinhar li kien hemm perkolazzjoni ta' ilma. Biss thoss li, in vista ta' xi rizultanzi, l-ammont ghandu jigi ridott b'ghaxra fil-mija (10%) biex jirrifletti sew dak ir-rikavat mill-oggetti mibjugha

‘*second hand*’ kif ukoll id-deprezzament ta’ uhud mill-effetti li kienu ‘*old stock*’. L-ammont ta’ danni ghalhekk qed jigi likwidat fis-somma ta’ elfejn disa mija hamsa u sebghin lira maltin u hamsa u hamsin centezmu (LM2975.55) ekwivalenti ghal sitt elef disa mija wiehed u tletin euro u sbatax il-centezmu (€6931.17).

**Ikkunsidrat:**

Fir-rigward ta’ l-ahhar aggravju fejn qed jinghad li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni li l-proprjeta` sovrastanti tal-konvenuti hija hekk mizmuma bejn il-konvenut u l-kjamata in kawza f’sehemijiet mhux ugwali u dan kif jirrizulta mill-istess kuntratt ta’ l-akkwist (fol. 13 et seq), jigi rlevat li tali aggravju kien ikollu rilevanza kemm-il darba l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-kjamata fil-kawza giet akkolta. Izda billi, kif rajna aktar’l fuq hemm solidarjeta` bejn il-konvenuti, dan l-aggravju mhux accettabbli u jista’ jkollu biss relevanza fir-relazzjonijiet interni ta’ bejn il-konvenuti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuti qed jigi milqugh limitatament billi l-ammont ta’ danni qed jigu likwidati fis-somma inferjuri ta’ elfejn disa mija hamsa u sebghin lira maltin u hamsa u hamsin centezmu (LM2975.55) ekwivalenti ghas-somma ta’ sitt elef disa mija wiehed u tletin euro u sbatax il-centezmu (€6931.17), u konsegwentement, filwaqt li tikonferma s-sentenza appellata ghal bqija, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat. Bl-ispejjes ta’ dan l-appell jkunu xorta wahda ghall-konvenuti appellati solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------